

Brussell, 14 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

12312/1/25  
REV 1

ECOFIN 1115	EF 272
CADREFIN 156	TELECOM 272
CODEC 1177	IA 111
COMPET 823	CULT 92
RECH 366	AUDIO 73
ENER 414	INDEF 88
TRANS 349	COARM 152
ENV 780	CONOP 50
EDUC 344	
ECB	EIB

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Awwissu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion:	C(2025) 3802 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'3.11.2025 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/1078 fir-rigward tal-investimenti strateġiċi fil-qasam tad-difiża stabbiliti fil-linji gwida għall-investment għall-Fond InvestEU

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 3802 final.

Mehmuż: C(2025) 3802 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 3.11.2025  
C(2025) 3802 final/2

#### ADDENDUM

This document corrects document C(2025) 3802 final of 28.8.2025.

Concerns all language versions.

Insertion of the reference to the linked Staff Working Document SWD(2025) 820 final.

The text shall read as follows:

#### **REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 3.11.2025**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/1078 fir-rigward tal-investimenti strateġiċi  
fil-qasam tad-difiża stabbiliti fil-linji gwida għall-investment għall-Fond InvestEU**

{SWD(2025) 820 final}

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Il-White Paper għad-Difiża Ewropea – Prontezza 2030<sup>1</sup> stabbiliet pjan għall-Inizjattiva ReArm Europe 2030, pakkett tad-difiża li jipprovdi lievi finanzjarji lill-Istati Membri biex jixprunaw żieda fl-investment fil-kapaċitajiet tad-difiża. Fost l-għanijiet ewlenin tal-pjan hemm l-iffaċilitar tan-negozju u l-approfondiment tas-Suq Uniku. Hemm sens ta' urġenza biex tizzied il-prontezza tad-difiża Ewropea biex jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti fl-ambitu tal-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. Fis-6 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew appella lill-Kummissjoni biex tmexxi 'l quddiem malajr il-ħidma fuq is-simplifikazzjoni tal-qafas legali u amministrattivi, għall-akkwist pubbliku, il-kooperazzjoni tal-industrija u r-rekwiżiti tal-għoti tal-permessi u tar-rapportar, biex jiġu indirizzati l-ostakli u l-konġestjonijiet kollha li jfikklu żieda rapida tal-industrija tad-difiża. Din l-emenda mmirata tar-Regolament Delegat dwar il-linji gwida ta' InvestEU hija parti minn dan l-isforz ta' kjarifika u simplifikazzjoni.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Il-bini mill-ġdid tad-difiża Ewropea se jirrikjedi investment massiv, kemm pubbliku kif ukoll privat, fuq perjodu sostnut. Skont l-Artikolu 8(9) tar-Regolament (UE) 2021/523, il-Kummissjoni ħejjiet din l-emenda tal-linji gwida għall-investment fl-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2021/1078 fi djalogo mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Il-konsultazzjoni pubblika fl-2025 kienet komprensiva, u ppermettiet lis-servizzi tal-Kummissjoni jiġbru d-data, l-evidenza u s-suġġerimenti mill-Istati Membri, mill-industrija u minn partijiet ikkonċernati oħra dwar l-ostakli legali, regolatorji u amministrattivi li jirrestrinġu l-kapaċità tal-industrija Ewropea tad-difiża li żżid il-produzzjoni b'aġilità msaħħa biex tikseb il-prontezza tad-difiża sal-2030 inkluż fil-Fond InvestEU.

F'konformità mal-Artikolu 34(1) tar-Regolament InvestEU, il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment u sħab potenzjali oħra inkarigati mill-implimentazzjoni tal-fond InvestEU ġew ikkonsultati matul il-proċess. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni enfasizzaw id-diffikultà biex jiġu implimentati l-limitazzjonijiet imposti bħalissa fuq l-investimenti strateġiċi fid-difiża. L-emendi tal-linji gwida għall-investment proposti mill-Kummissjoni għandhom l-għan li jindirizzaw il-kwistjonijiet imqajma u l-proposti li waslu matul din il-konsultazzjoni.

L-esperti tal-Istati Membri ġew ikkonsultati matul il-proċess ta' abbozzar ta' dan ir-regolament emendatorju f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>2</sup>. Il-kummenti li ffukaw fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-limitazzjonijiet kienu limitati. Il-Kummissjoni jidhrilha li din il-kwistjoni hi koperta u għalhekk ma ġiet proposta l-ebda emenda f'dan ir-rigward.

<sup>1</sup> Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030: JOIN/2025/120 final, 19.03.2025.

<sup>2</sup> Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_interinstitut/2016/512/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_interinstitut/2016/512/oj))

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

Din l-emenda hija modifika mmirata tal-linji gwida għall-investiment għall-Fond InvestEU li tiegħu l-forma ta' anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1078 tal-14 ta' April 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jstabbilixxi l-linji gwida għall-investiment għall-Fond InvestEU.

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'3.11.2025

### li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/1078 fir-rigward tal-investimenti strateġiċi fil-qasam tad-difiża stabbiliti fil-linji gwida għall-investment għall-Fond InvestEU

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jstabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017<sup>3</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(9) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Programm InvestEU għandu l-għan li jappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment li jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġettivi ta' politika tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 3 u 8, u fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/523. Dawn l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment għandhom l-għan li jappoġġaw l-iżvilupp, fost l-oħrajn, tal-industrija tad-difiża biex jikkontribwixxu għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 14(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/523, l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment fl-ambitu ta' kull waħda mit-twieqi ta' politika msemmija fl-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament iridu jkunu konsistenti mal-linji gwida għall-investment stabbiliti fl-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1078<sup>4</sup> (il-“linji gwida għall-investment” attwali), u abbażi tal-Artikolu 8(3) u (10) tar-Regolament (UE) 2021/523. Fil-każ tal-investimenti strateġiċi fid-difiża, dawk il-linji gwida għall-investment jistabbilixxu limitazzjonijiet fir-rigward tar-riċevituri finali kkontrollati minn pajjiż terz jew mill-entitajiet ta' pajjiż terz u r-riċevituri finali li jkollhom il-ġestjoni eżekuttiva tagħhom barra mill-Unjoni bil-ħsieb li jipproteġu s-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri.
- (3) Il-White Paper Konġunta dwar id-Difiża Ewropea – Prontezza 2030<sup>5</sup> tenfasizza l-ħtieġa urġenti li jittejjeb l-aċċess għall-kapital għall-kumpaniji stabbiliti fl-Unjoni, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, biex ikunu jistgħu jgħibu s-soluzzjonijiet tagħhom fuq skala industrijali u jixprunaw iż-żieda industrijali li l-Unjoni qed tistinka għaliha. Is-settur finanzjarju juri interess dejjem akbar fid-difiża. Madankollu, is-settur tad-difiża jibqa' suq li mhuwiex moqdi biżżejjed anke minħabba limitazzjonijiet fil-politiki ta' investment tal-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati. Il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal sħiħ ta' InvestEU b'appoġġ għas-settur tad-difiża hija kruċjali biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi.

<sup>3</sup> ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/523/oj>.

<sup>4</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1078 tal-14 ta' April 2021 li jissupplementa r-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jstabbilixxi l-linji gwida għall-investment għall-Fond InvestEU (ĠU L 234, 2.7.2021, p. 18, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2021/1078/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/1078/oj)).

<sup>5</sup> JOIN/2025/120 final, 19.03.2025.

- (4) Abbażi tal-feedback li wasal mill-partijiet ikkonċernati, permezz ta' konsultazzjoni pubblika u konsultazzjonijiet immirati mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ta' InvestEU u mal-Istati Membri, jidher li l-limitazzjonijiet stabbiliti fil-linji gwida attwali għall-investment fir-rigward tal-investimenti strateġiċi jistgħu jfixklu l-użu tal-fond InvestEU b' appoġġ għas-settur tad-difiża. Għalhekk, il-linji gwida attwali għall-investment jenħtieġ li jibbenefikaw minn modifika mmirata sabiex ikunu mfassla bis-sħiħ għall-ispeċifitàjiet ta' InvestEU, jiġifieri garanzija baġitarja implimentata f'għestjoni indiretta. Il-bidliet proposti se jiffaċilitaw l-użu ta' InvestEU b' appoġġ għas-settur tad-difiża, filwaqt li jżommu biżżejjed salvagwardji għall-investimenti strateġiċi fid-difiża, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/523.
- (5) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-investimenti strateġiċi fid-difiża soġġett għal-limitazzjonijiet huwa definit fil-linji gwida attwali għall-investment bħala teknoloġiji u prodotti tad-difiża identifikati fil-programm ta' ħidma annwali għall-Fond Ewropew għad-Difiża. Din id-definizzjoni ġġib magħha kumplessità u inċertezza legali bla bżonn minħabba n-natura li qed tevolvi tal-programm ta' ħidma tal-Fond Ewropew għad-Difiża. Dan il-kamp ta' applikazzjoni jenħtieġ li jiġi ssimplifikat billi ssir referenza għall-investimenti fit-teknoloġiji u l-prodotti tad-difiża żviluppanti primarjament għal applikazzjonijiet militari. Tali simplifikazzjoni ttejjeb il-prevedibbiltà għas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ta' InvestEU u għall-intermedjarji finanzjarji billi tipprovdilhom metodoloġija ċara biex jidentifikaw jekk ir-riċevituri finali humiex soġġetti għal-limitazzjonijiet relatati ma' pajjiżi terzi, inkluż biex jiġi ċċarat kif daww il-limitazzjonijiet japplikaw għal teknoloġiji b'applikazzjonijiet tad-difiża u ċivili (b' użu doppju).
- (6) Il-linji gwida attwali għall-investment jirrikjedu li sabiex tkun eliġibbli, entità kkontrollata minn pajjiż terz jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi għandha turi li l-Istat Membru li fih tkun stabbilita jkun approva garanzija f'konformità mal-prinċipji li jikkonċernaw l-entitajiet eliġibbli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/697 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża<sup>6</sup>. Dik id-dispożizzjoni mhijiex imfassla għall-ispeċifitàjiet ta' InvestEU u tillimita l-użu tal-finanzjament. Jidher li l-garanziji approvati minn Stat Membru fl-ambitu ta' programm tad-difiża li jkun irċieva l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni huma biżżejjed biex jiproteġu s-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fil-kuntest tal-Fond InvestEU. Jenħtieġ li l-entitajiet li ma jistgħux jissodisfaw dawn il-kriterji biss ikunu meħtieġa jippreżentaw garanzija speċifikament fil-kuntest tal-operazzjoni ta' InvestEU. Din l-emenda għandha l-għan li tiċċara l-implimentazzjoni tal-Fond InvestEU b' appoġġ għall-entitajiet stabbiliti fl-UE u kkontrollati minn entitajiet mhux tal-UE. Tali garanziji jistgħu, skont il-każ, jiddependu fuq il-miżuri ta' mitigazzjoni imposti mill-Istat Membru li jiskrinja l-akkwist ta' kontroll ta' tali entitajiet legali minn pajjiż terz ieħor jew minn entità oħra ta' pajjiż terz, jew għall-benefiċċju tiegħu, skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2019/452<sup>7</sup>.
- (7) Il-linji gwida attwali għall-investment jistabbilixxu li fir-rigward tal-investimenti strateġiċi fid-difiża, il-limitazzjonijiet relatati mal-kontroll tar-riċevituri finali huma estenzi wkoll għall-fornituri u s-sottokuntratturi tagħhom. Dan il-kamp ta' applikazzjoni

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149–177)

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/452/oj>).

wiesa' mhuwix adattat għat-tip ta' finanzjament ipprovdut fl-ambitu ta' InvestEU u jista' jimpedixxi l-użu tal-finanzjament ta' InvestEU billi jimponi piż amministrattiv bla bżonn. Sabiex jiġi ssimplifikat il-proċess amministrattiv tal-finanzjament ta' InvestEU u biex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-finanzjament ta' InvestEU jkunu mfassla għall-istrumenti ta' finanzjament tad-dejn u tal-ekwità, ir-referenza għall-fornituri fil-każ ta' kontroll minn pajjiżi terzi jenħtieġ li titneħħa mill-linji gwida għall-investment.

- (8) Il-limitazzjonijiet stabbiliti fil-linji gwida attwali għall-investment fir-rigward tal-investimenti strateġiċi jirrestrinġu għal livell mhux neċessarju, l-eliġibbiltà tal-entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati jew ikkontrollati minn pajjiżi terzi assoċjati jew entitajiet ta' pajjiżi terzi. Biex jiġi żgurat trattament ugwali mal-entitajiet stabbiliti fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm InvestEU, u biex jiġi allinjat il-prinċipju għall-entitajiet eliġibbli stabbilit fil-Fond Ewropew għad-Difiża kif ukoll fi programmi oħra tad-difiża li fihom l-Unjoni hija kontributor finanzjarju, il-linji gwida attwali għall-investment jenħtieġ li jiġu adattati biex jiġi żgurat li jiġu applikati limitazzjonijiet fir-rigward tal-entitajiet stabbiliti jew ikkontrollati minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew entitajiet ta' pajjiżi terzi.
- (9) Skont il-linji gwida attwali għall-investment, sa 5 snin wara d-data tal-iżborż finali tal-finanzjament, ir-riċevituri finali tal-investimenti strateġiċi fid-difiża ma jistgħux jilliċenzjaw jew jittrasferixxu b'mod esklussiv id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali għal teknoloġiji kritiċi relatati u teknoloġiji strumentali għas-salvagwardja tal-interess essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jirriżultaw direttament minn dawk l-investimenti strateġiċi lil pajjiżi terzi jew entitajiet ta' pajjiżi terzi, sakemm ma jkunux approvati mill-Istat Membru li fih ikun stabbilit ir-riċevitur finali. L-implimentazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni toħloq sfidi u konġestjonijiet sinifikanti fl-Istati Membri u għalhekk tfixxkel l-użu ta' InvestEU b'appoġġ għad-difiża billi tirrikjedi lill-Istati Membri jimplimentaw forom ġodda ta' kontroll, lil hinn mill-mekkaniżmi eżistenti, bħal pereżempju għall-esportazzjoni ta' oġġetti militari jew l-iskrinjar ta' investimenti diretti barranin. Sabiex jiġi indirizzati dawk id-diffikultajiet, il-linji gwida attwali għall-investment jenħtieġ li jiġu modifikati biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji jkunu soġġetti biss għal mekkaniżmi ta' kontroll eżistenti implimentati mill-Istati Membri li fihom ikunu stabbiliti, filwaqt li l-operazzjoni ta' finanzjament u ta' investment tkun koperta mill-garanzija tal-UE.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2021/1078 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2021/1078 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 3.11.2025

*Għall-Kummissjoni  
F'isem il-President  
Andrius KUBILIUS  
Membru tal-Kummissjoni*